# Il-Ħuttafa

Numru **151**

Marzu – April 2019



Is-Sbejħa

**€2** għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf

Victor Falzon



Farfett tal-ħurrieq (*red admiral*) fuq fjura tax-xewk abjad.





# Ħbieb Ħuttaf . . .

Ftit ilu fuq it-tv rajt żewġ dokumentarji. It-tnejn kienu fuq in-natura u t-tnejn kellhom preżentatur miexi fil-kampanja jispjega fuq l-annimali li jiltaqa' magħhom. Imma l-imġiba taż-żewġ irġiel kienet differenti ħafna.

L-ewwel preżentatur kull annimal li sab ipprova jaqbdu. Sab serp mistoħbi f'ħofra, daħal għalih u ġibdu 'l barra. Biex jurihulna mill-viċin! Ra kukkudrill żgħir nofsu rieqed f'għadira ilma, niżel għalih, qabdu minn denbu u tellgħu l-art. Biex narawh aħjar! Anke ħuta mill-baħar tella' fuq dgħajsa u dam koċċ jiftħilha l-garġi u jbagħbas fiha qabel reġa' tefagħha l-baħar.

Il-preżentatur l-ieħor qagħad attent biex ma jfixkilx lill-annimali. Meta sab far f'ħofra fid-deżert ma niżilx għalih imma bil-galbu daħħal kamera żgħira ħafna f'tarf ta' kejbil u qagħad jiffilmjah bil-moħbi. Biex ma jgħammixx għajnejn annimali li joħorġu bil-lejl uża apparat night vision. U dejjem b'leħen eċitat imma minn taħt l-ilsien biex ma jagħmilx storbju.

Dawn iż-żewġ preżentaturi t-tnejn għallmuna fuq l-annimali, imma t-tieni wieħed għallimna wkoll kif għandna nuruhom rispett.

L-ewwel preżentatur għamel minn kollox biex jimpressjonana fuq kemm hu hero. Insejt x'jismu!

It-tieni preżentatur ma qagħadx jitbellah u jitmiegħek biex jaqbad l-annimali, imma impressjonani iktar. U naf x'jismu, għax huwa l-iktar naturalista famuż u rispettat fid-dinja. Min hu?



Sir Dave ma' familja meerkats – rispett u mħabba lejn l-annimali.

Ovvja, Sir David Attenborough! Jekk tħobb il-films tan-natura żgur taf min hu.

U inti. Liema miż-żewġ preżentaturi tixbah? Kif iġġib ruħek meta tiltaqa' ma' annimal?

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur



**Happy Birthday Huttafa!**

Il-faċċata tal-**ewwel** ħarġa tal-magażin f'April 1994.

Jiġifieri *Il-Ħuttafa* għalqet ☐☐ sena!

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Ċiklu fil-periklu** | **4** |
| **Wiċċinu** | **5** |
| **Ta' min huma?** | **7** |
| **Id-daqquqa tat-toppu** | **8–9** |
| **Kolina u Żeppinu** | **10** |
| **Agħtiha l-kulur** | **11** |
| **Ittra** | **11** |
| **Is-siġra ta' Ġuda** | **12–13** |
| **Il-bufula ħamra** | **14–15** |
| **The mudskipper** | **16** |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Martina Brancato (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv)

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, April 2019


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052


FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

**Is-Sbejħa** Crimson-speckled moth *Utetheisa pulchella*

Din il-baħrija tassew jixirqilha isimha għax sabiħa tassew. Kontra d-drawwa ta' ħafna baħrijiet, din toħroġ binhar mhux bil-lejl u għalhekk nistgħu ngawduha fid-dawl naturali. Mhix baħrija kbira u mhix komuni ħafna. Għalhekk jekk tkun b'xortik tilmaħ waħda ddur fuq il-fjuri, ieqaf ftit osservaha.

# We have lift-off!



Joseph M Mangion

Il-**bagħdan griż** (*Montagu's harrier*) huwa għasfur tal-priża li jpassi minn Malta fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Ftit ġimgħat ilu membru tal-publiku sab bagħdan griż mara li ma setgħetx ittir. Ittieħdet għand il-vet li sabu li ma kinitx feruta imma biss għajjiena. Il-BirdLife ikkuratha u temgħetha għal ftit ġranet sa ma wasal il-jum biex terġa' tinħeles ħalli tkompli triqitha lejn l-Ewropa. Fir-ritratt tidher seħbitna Alice Tribe mit-tim tal-Conservation tal-BirdLife fil-mument li ħelset din il-ġmiel ta' tajra fir-riserva naturali tal-Għadira, nhar is-16 April 2019. Il-vjaġġ it-tajjeb!

**Jekk issibu tajr ferut jew għajjien ċemplu lil BirdLife fuq 79255697**

Bagħdan griz (raġel)



## Is-Simar

It-Tlieta u l-Ġimgħa 2pm–7pm
Il-Ħadd 10am–4pm

**Ir-riservi naturali issa qed jiftħu wkoll matul il-ġimgħa waranofsinhar.**

Sal-aħħar ta' Mejju.



## Għadira

It-Tnejn u l-Ħamis 2pm–7pm
Is-Sibt u l-Ħadd 10am–4pm

# Imxejna u gawdejna!

Ritratti Kristina Govorukha u Svitlana Shevchuk

Fil-31 ta' Marzu 2019 kellna l-Mixja għan-Natura u kif taraw mir-ritratt tal-grupp kellna attendenza tajba ħafna ta' 132 parteċipant (+ kelb!).

Iltqajna Għajn Tuffieħa, inzertatilna ġurnata bnazzi b'riħ ħafif u kulħadd ħa gost. Kienet rotta ġdida u ħafna minnha għaddietna mill-kampanja, speċjalment il-park tal-Majjistral. Hemmhekk waqafna nistrieħu u kellna wkoll xi logħob u fittixna pjanti tax-xagħri.

Komplejna lejn il-Prajjet fejn hemm Popeye Village, għaddejna mill-Bajja tal-Mellieħa, minn ħdejn ir-riserva naturali tal-Għadira u spiċċajna Foresta 2000. Mixja ta' 8km.

Hemmhekk waqafna u tqassmu rigali żgħar lil kull min ġabar xi flus. L-ikbar ġabra saret minn Rosaleen Thenner Caruana, u warajha Giuliana Caruana Debono u Zoe Maria Tabone. B'kollox inġabru **€1118.20**. B'dawn il-flus se jinxtraw *explorer kits* biex jintużaw waqt attivitajiet tal-BirdLife.

Grazzi lil kull min ħa sehem u lil-leaders li organizzaw din il-mixja.



Imxejna fil-Park tal-Majjistral...



Fittixna l-fjuri...



Rosaleen





is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: li jekk jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Ċiklu fil-periklu


Desirée Falzon

"Ħa naraw b'xiex se toħroġ illum Miss Rebecca!"

Sky u oħtu t-tewmija Maris kienu qegħdin waqt lezzjoni tax-Xjenza u l-għalliema tagħhom kienet taf tagħmlu ħaj is-suġġett. Illum kienu qed jitgħallmu fuq l-evaporazzjoni.

"Il-ġimgħa d-dieħla rridkom iġġibuli eżempju ta' evaporazzjoni li taraw madwarkom," qaltilhom il-Miss. "Ħudu ritratt miegħu bħala prova li ma niżżiltuhx mill-internet!"

Maris u Sky ma kellhomx idea fejn se jsibuh dan l-eżempju, imma waqt il-brejk marru sabu lil sħabhom it-tewmin l-oħra Peter u Sylvia ħalli jaraw kellhomx ideat. Ftehmu biex is-Sibt jinżlu flimkien sa Wied Żagħrun, li kien erba' passi bogħod minn fejn joqogħdu, u jaraw x'isibu.

Wasal is-Sibt u l-erbat itfal niżlu jduru fil-wied. Wara siegħa mixjin kienu għadhom ma sabux eżempju ta' evaporazzjoni, u kienu qed jaħsbu biex iduru lura.

"Qabel ma mmorru għax ma ngħaqqdux idejna?" qal Sky "Forsi fejn ma wasalniex b'għajnejna naslu b'widnejna!" It-tewmin kienu skoprew li meta l-erbgħa jaqbdu id xulxin, jibdew jisimgħu leħen in-natura.

Fil-pront semgħu ilħna żgħar ippanikjati:

*"Ersaq!"*
*"Fejn tridni nersaq?"*
*"Fejn hi dik ir-rokna fonda?"*
*"Ersaqli, ma nistax nieħu nifs!"*

B'qalbhom tħabbat it-tfal imxew id f'id lejn is-sors tal-għawġ. Fil-pront indunaw li maġenb il-passaġġ kien hemm ġibjun qed inixxi l-ilma. Xi metru bogħod kien hemm ħofra żgħira fil-blat li kienet imtliet b'dan l-ilma u ffurmat għadira.

"Iiiii, ara x'ġara!" qalet Maris, "Xi żrinġijiet biedu ġo din l-għadira. U issa l-ilma tal-ġibjun tbaxxa u m'għadux ħiereġ mix-xaqq. L-ilma tal-għadira qed jevapora bla ma jiżdied mill-ġibjun!"

Fl-għadira t-tfal raw ħafna [1]mrieżep jitkagħwġu u jippruvaw isibu biżżejjed ilma fiex jgħixu. Kienu għadhom żgħar u t-tewmin indunaw li l-imrieżep ma kinux se jilħqu jikbru u jsiru żrinġijiet qabel ma jixfilhom l-ilma.

"X'se nagħmlu?" qal Sky, "Jekk inħalluhom hawn se jmutu."

"Faċli," wieġeb Peter. "Stennewni hawn…!" U b'dik il-kelma telaq jiġri kemm jiflaħ.

Wara kwarta rawh ġej lura b'biċċa ħabel oħxon f'idejh. Deffes naħa tal-ħabel mit-toqba tal-ġibjun sa ma miss l-ilma u n-naħa l-oħra dendilha għal ġol-għadira.

"Indunajtu x'għamilt? Ħloqt pont tal-ilma bejn il-ġibjun u l-għadira u issa l-imrieżep ma jmutux għax il-ħabel ftit ftit jixrob l-ilma mill-ġibjun u jqattru bil-mod fl-għadira. B'hekk l-għadira ma tinxifx!"

It-tliet itfal ċapċpu bil-ferħ. Wara ftit bdew mixjin lura.

"Żomm!" qalet Maris, "insejna xi ħaġa..." L-oħrajn ħarsu lejha.

"X'insejna?" staqsietha Sylvia.

"Ir-ritratt għal Miss Rebecca!"


Victor Falzon

[1]**mrieżep.** Il-frieħ taż-żrinġ (singular marżepp), bl-Ingliż *tadpole*



# Wiċċinu

**Aħbarijiet sbieħ u koroh mid-dinja tal-ambjent**

## It-tfal iqumu!



Fil-15 ta' Marzu li għadda xi miljun u nofs studenti minn iktar minn 100 pajjiż madwar id-dinja qamu fuq tagħhom, ingħaqdu f'leħen wieħed u pprotestaw! Ipprotestaw kontra l-gvernijiet u l-mexxejja tad-dinja li mhu qed jagħmlu xejn biex isolvu l-problema tal-bdil fil-klima. Ħafna laqgħat u konferenzi, paroli, ftehim, stqarrijiet... u t-temperatura xorta tielgħa. Imma issa anke t-tempra tat-tfal tielgħa, għax fl-aħħar qed jirrabjaw u jsemmgħu leħinhom. Prosit studenti. U prosit Greta Thunberg, it-tfajla Żvediża li bdiet dan il-moviment. Skanta Wiċċinu!

## Glaciers going, going...



Il-glasjers tad-dinja qed jinħallu iktar malajr milli kien maħsub. Studju li sar dan l-aħħar wera li kull sena qed jinħallu 390 biljun tunnellata silġ. Das-silġ kollu qed jispiċċa fil-baħar u l-livell tal-baħar qed jogħla. Mhux biss, imma dak l-ilma ħelu kollu qed inaqqas l-imluħa tal-baħar f'xi nħawi tad-dinja. Dan jista' jibdel il-kurrenti tal-baħar u jikkawża diżastru sħiħ fil-klima u jeqred ħafna plankton, li minnu jiddependu l-foodchains tal-baħar. U dan kollu minħabba t-tniġġis mill-bniedem li qed isaħħan l-arja. Ibki Wiċċinu!

## Dinja iktar ħadra!



Minn studju ta' ritratti tas-satellita, in-NASA sabet li llum hemm iktar siġar fid-dinja milli kien hemm 20 sena ilu! Ħafna minn dan huwa riżultat ta' sforzi kbar minn pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Indja biex iħaddru pajjiżhom iktar. Pereżempju fl-2017 l-Indja kisret ir-rekord dinji meta miljun u nofs voluntiera ħawlu total ta' 66 miljun siġra... fi 12-il siegħa! Dawn l-affarijiet juru li jekk il-bniedem irid jista' jagħmel ġid kbir lin-natura. Ifraħ Wiċċinu!

## Faħam bl-għali



Il-President Amerikan Trump spiss ifaħħar il-power stations tal-faħam, l-iktar fjuwil li jniġġes l-arja. Imma donnu f'wiċċu ħa jibqa' għax il-faħam qed isir għali. Ftit ġimgħat ilu kkonfermaw li fl-Istati Uniti l-produzzjoni tal-enerġija nadifa mix-xemx u r-riħ issa saret irħas mill-produzzjoni tal-faħam. Dan ħa jwassal biex ħafna power stations tal-faħam ifallu u jagħlqu, għax kulħadd ħa jkun irid elettriku rħis mix-xemx u r-riħ. U iktar ma l-enerġija nadifa ssir popolari iktar il-prezz tagħha jkompli jaqa'. Ir-Renju Unit, il-Kanada u l-Ġermanja diġà ddeċidew li sas-snin 2025–30 ħa jkunu għalqu l-power stations tal-faħam kollha f'pajjiżhom. Ifraħ Wiċċinu!

## Irid jeqred l-Amażon...



Il-President Bolsonaro tal-Brażil huwa għadu kbir tal-ambjent. Kif leħaq mexxej f'Jannar 2019 beda jnaqqar u jneħħi l-liġijiet li jħarsu l-foresta Amażon. Irid itajjar il-popli indiġeni, jaqta' s-siġar kollha u jibdel il-foresta f'ranches għall-baqar (biex isiru burgers Amerikani) u biex iħaffer għaż-żejt u għad-deheb. Tant hu ħerqan biex jeqred il-foresta li issa anke stieden lil sieħbu l-President Amerikan Trump (għadu ieħor tal-ambjent) biex jgħinu fil-proġett biex jirvina l-Amażon. Is-sena l-oħra l-Amażon tilfet 7800km$^2$ ta' foresta. Oħroġ il-maktur Wiċċinu!




Bank of Valletta is by my side every day, assisting me to a better financial future, whatever stage in life I am in. Bank of Valletta, my lifetime companion.

www.bov.com or contact 2131 2020.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

# Ta' min huma?

**Fir-rebbiegħa l-għasafar ikunu beżlin ħafna jibnu l-bejtiet, ibidu l-bajd u jrabbu familja flieles. Kull għasfur jibni bejta bi stil differenti. Hawnhekk hawn ħames bejtiet ta' ħames għasafar differenti li jbejtu f'Malta, u isfel hemm stampi ta' dawn l-għasafar.**

**Taf tqabbel il-bejta mal-għasfur?**

Charles Coleiro




Joe Sultana







Joe Sultana




Joe Sultana

L-iżgħar bajda ta' għasfur fid-dinja hija l-bajda tal-bee hummingbird. Twila biss 6.9mm.



Jiġifieri daqshekk!





Denis Cachia

**Għasfur tal-Bejt**
Spanish Sparrow




Charles Gauci



Aron Tanti

**Monakella**
Little Ringed Plover

Denis Cachia



**Gallozz Iswed**
Moorhen

Aron Tanti



**Bufula Sewda**
Sardinian Warbler



Matthew Borg Cardona

**Blonġun Żgħir**
Little Grebe

Tweġibiet f'paġna 11.



# Daqquqa tat-toppu

## Hoopoe *Upupa epops*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fil-Park tal-Majjistral



# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**





Żeppinu. Kolina, taf fuq x'għallmuna llum l-iskola? Fuq it-3Rs, jiġifieri **Reduce**, **Reuse**, **Recycle**, u kemm hu importanti li nżommuhom f'din l-ordni.
Kolina. Qalulkom sewwa Żeppinu. **Reduce** hija l-iktar importanti. Għandna dejjem noqogħdu attenti li mill-bidu nett ma niġġenerawx skart għalxejn.
Żeppinu. Hekk hu! Pereżempju nirrifjutaw l-*istraw* meta nixtru xarba, jew ġelat nixtruh f'*cone* ħalli nevitaw it-tazza u l-kuċċarina tal-plastik. U qabel nixtru xi ħaġa naraw jekk veru għandniex bżonnha. Affarijiet sempliċi imma li mhux dejjem jiġuni f'moħħi mill-ewwel jien.
Kolina. Hemm min jaħseb li diffiċli tnaqqas l-iskart, imma fil-verità faċli ħafna ladarba tidra.
Żeppinu. Qalulna wkoll li t-tieni ħaġa għandha tkun li prodott nerġgħu nużawh – **Reuse.** Imma kif tista' tagħmel dan, ngħid jien?
Kolina. Dażgur li tista', Żeppinu. Pereżempju jekk qalziet m'għadux jiġik agħtih lil ħaddieħor li jista' jilbsu. Jew flok tixtri flixkun ilma żgħir tixtri flixkun li jista' jerġa' jintuża aktar minn darba u timlieh minn flixkun ikbar jew minn xi filter tal-ilma.
Żeppinu. Interessanti! Jekk kulħadd jagħmel hekk ma tantx ikollna skart.
Kolina. Hekk hu! U fl-aħħar nett importanti biex l-iskart li ma stajniex nevitaw nippruvaw nirriċiklawh - **Recycle**. Dan nagħmluh billi skart ta' karti, plastik u metall nadif nisseparawh ġol-borża l-griża jew il-ħadra. Il-ħġieġ nagħmluh ġo kaxxa tal-kartun u noħorġuh biex jinġabar skont l-iskeda tal-lokalità li ngħixu fiha.
Żeppinu. Imma mhux kollox jista' jiġi riċiklat, hux hekk?
Kolina. Le, mhux kollox. Għalhekk li nnaqqsu l-iskart huwa dejjem l-aktar importanti, aktar importanti mir-riċiklaġġ. Anqas ma nużaw prodotti, anqas niġġeneraw skart u tniġġis. B'hekk nibżgħu għall-ambjent u niffrankaw il-flus fl-istess ħin.
Żeppinu. U jien dejjem kont naħseb li t-3Rs tfisser *Raġel Ried Rixa*!
Kolina. X'rixa hi Żeppinu! Ta' moħħok?
Żeppinu. Mhux ta' kokka intelliġenti bħalek, tgħid!

Tpinġija Victor Falzon

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

# Agħtiha l-kulur...

Victor Falzon

## Farfett tax-Xewk
**Painted Lady**









Jekk għandek tpinġija tan-natura li tixtieq inġibuhielek fil-magażin ibgħathielna fuq dan l-imejl:
**education@birdlifemalta.org**




Tweġibiet
Qabbel il-Bejta mal-Għasfur (p. 7)

1 = Blonġun Żgħir
2 = Bufula Sewda
3 = Gallozz Iswed
4 = Għasfur tal-Bejt
5 = Monakella



## Ittra...

**Silta minn ittra mqanqla li bagħtitlna l-membru Clarissa minn Ħal Lija, qalbha sewda li l-ġnien li tant tħobb se jindifen taħt binja għolja.**







Għażiż Editur,

Fil-ġnien tagħna tgħidx kemm naraw għasafar, annimali u pjanti. Imma dan dalwaqt se jinqered għax id-dar ta' ħdejna nbigħet u flokha ħa jibnu ħames sulari li se jitfa' lilna u tliet kwarti tal-ġnien tagħna fid-dell. Warajna s'issa ħlief ġonna m'hemmx.

Nixtieq kieku tagħmlu iktar pressjoni u tqajmu kuxjenza fuq dan li qed jiġri madwarna. Mehmużin ritratti ta' żewġt iħbieb ħelwin li jiġu jżuruna, u dehra tal-mostru, li għadu jrid jiġi approvat. L-għasafar dalwaqt ma jsibux kenn iktar madwarna għax issa ħadd ma jkun irid joqgħod ħdejn mostru ta' appartamenti ħlief biex jibni iktar appartamenti!

Grazzi tax-xogħol ferm sabiħ u utli li tagħmlu. Grazzi u tislijiet.

**Clarissa Cassar**

*Għażiża Clarissa,*

*Grazzi tal-ittra tiegħek u tar-ritratti ħelwin ta' pitirross u bufula sewda. Hija ħasra kbira li tant ġonna qed jintradmu taħt il-konkos jew biex jinbidlu f'pixxini privati.*

*Il-BirdLife qatt ma waqfet tiġġieled kontra l-iżvilupp bla kontroll u bla pjan. Flimkien ma' għaqdiet oħrajn spiss nipprotestaw biex il-ftit beraħ li baqa' ma jkomplix jitnaqqar.*

*Qed nagħmlu pressjoni speċjali biex insalvaw spazji ħodor fil-qalba tal-irħula u anke fl-iskejjel.*

*Imma l-kilba għall-flus hija kbira wisq u ħafna awtoritajiet ma jimpurtahomx min-natura. Għalhekk nawguralek li tibqa' membru u tibqa' ssemma' leħnek favur in-natura.*

*L-Editur*



# is-siġra ta' Ġuda

Victor Falzon



# Judas Tree *Cercis siliquastrum*

**Fil-ġimgħat bikrin tar-rebbiegħa s-siġra ta' Ġuda mill-ewwel tagħrafha, anke jekk tkun siġra waħda mrekkna qalb mitt siġra oħra. Tispikka wisq!**





Victor Falzon

## Iz-zokk

Is-siġra ta' Ġuda hija waħda mis-siġar li fil-ħarifa tnixxef u twaqqa' l-weraq kollha. Fix-xitwa ma jibqa' xejn ħlief firxa folta ta' zkuk. Iz-zokk l-oħxon u l-friegħi l-kbar tas-siġra ta' Ġuda huma ta' lewn griż skur u jkollhom ħafna flieli; iz-zkuk l-irqaq ikunu iktar lixxi.


Desirée Falzon

## Il-fjuri

Kif tibda r-rebbiegħa s-siġra ta' Ġuda tqum mir-raqda tax-xitwa u tibda ttella'... mhux weraq imma fjuri! Il-fjuri jikbru mhux biss fi truf il-friegħi ġodda imma anke mill-friegħi l-kbar. Fi ftit ġranet s-siġra titgħatta kważi kollha b'kisja fjuri roża skuri sa ma ssir ħuġġieġa sħiħa ta' fjuri. Din is-siġra tassew taf turi l-bidla fl-istaġuni!


Desirée Falzon

## Il-weraq

Wara li tkun infexxet f'dik l-isplużjoni ta' fjuri, is-siġra ta' Ġuda tibda tkabbar il-weraq għax mingħajr dawk ma tkunx tista' tikber. Il-weraq tas-siġra ta' Ġuda wkoll jingħaraf malajr għax huwa tond u aħdar ċar. Għall-ewwel ikun aħdar kważi highligher (kif jidher fir-ritratt), imma wara ftit ġimgħat jiskura ftit.


Victor Falzon



## Il-frott u ż-żerriegħa

Għalkemm hija siġra, is-siġra ta' Ġuda hija fil-fatt mill-familja tal-piżelli! Il-frotta tagħha hija miżwet biż-żerriegħa stivati ħdejn xulxin kif ikunu l-imżiewet tal-piżelli u l-ful. Jekk tkun iddakkret sew, is-siġra tipproduċi gzuz minn dawn l-imżiewet fil-ħarifa.


Victor Falzon

## L-imqass tal-weraq

Ħafna insetti jżuru s-siġra ta' Ġuda biex jixorbu mill-fjuri. Imma hemm naħla li mhux għall-fjuri tiġi imma għall-weraq. Din hija l-**imqass tal-weraq** (common leafcutter bee). Din-naħla tqatta' ċrieki puliti mit-truf tal-werqa, mhux biex tikolhom imma biex tirrumblahom f'tubu biex tibni l-bejta tagħha!



Siġra ta' Ġuda bi splużjoni ta' fjuri! Dan juri biċ-ċar li r-ritratt ittieħed f'Marzu jew f'April.

Victor Falzon

# Il-Bufula Ħamra

## Maħbuba tal-beraħ

**Għasfur żgħir u mgerrex li ftit nies jarawh jew jafu bih.**




Nicholas Galea

Isem xjentifiku *Sylvia conspicillata*
Isem bl-Ingliż Spectacled Warbler
Daqs 12-13ċm Piż 8-10g
Ikel insetti, dud, xi frott irqiq
Ħabitat Xagħri u makkja
Status Residenti u skarsa

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.



Joe Sultana

Il-bejta tinbena fil-baxx f'arbuxxell folt, bħa xorbett jew tulliera. Il-mara tbid fiha xi 4-5 bajdiet.



Joe Sultana

Il-frieħ ifaqqsu wara xi 12-il ġurnata. Fir-ritratt jidhru frieħ ta' ġurnata!

Daqs proprju ta' bajda tal-bufula ħamra



Menu varjat! Kif jidher f'dawn ir-ritratti, il-ġenituri jitimgħu lill-frieħ tagħhom varjetà kbira ta' insetti u invertebrati.



Joe Sultana

grillu



Denis Cachia

xagħat ta' farfett jew baħrija



Denis Cachia

Qerd in-nemel



Denis Cachia

brimba jew busaqajn



Joe Sultana

naħla jew żunżana






Busaqajn (harvestman)



Victor Falzon

Il-bufula ħamra tħobb ambjent miftuħ. F'Malta tgħix u tbejjet f'xagħri mwarrab b'arbuxxelli baxxi u folti, bħal dar-ritratt fl-inħawi ta' Ras il-Pellegrin.

# YOURS TO DISCOVER

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# THE MUDSKIPPER

## Mudskippers are amphibious fish – they live in and out of water.



### HOW CAN THEY BREATHE?

They can absorb oxygen through their skin, their throat and their mouth. They can also retain air bubbles in their gills!

Mudskippers' eyes resemble frogs' eyes! They are large and sit on top of their blunt heads. They can move independently of each other and they can see above and under the water surface at the same time!

### HOW DO THEY WALK?

These fish make use of type of movement known as 'crutching'. This name is given because their pectoral fins resemble a pair of crutches.



### WHERE DO THEY LIVE?

IN THE MANGROVE FOREST! Mangroves are SURVIVORS!! They live in conditions that would quickly kill most plants.



And, as their name suggests, they are great jumpers! They can jump up to 60 cm in air!

**COME TO VISIT THEM AT THE MALTA NATIONAL AQUARIUM!**

**IN THE NEXT ISSUE we're going to discover the amazing world of Mangroves!**

Contact: info@aquarium.com.mt

WWW.AQUARIUM.COM.MT